MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 21/2006

**Alfred Micallef**

**Vs**

**Frank Schembri**

## Il-Qorti:-

Rat illi l-attur pprezenta rikors nhar l-ghoxrin ta' Jannar 2006 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn lira  u erbatax-il lira u tmienja u erbghin centesmu Maltin ammont bilancjali dovut ghall-fornitura taz-zejt konsenjata f'diversi dati.

Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Ottubru 2006 fejn espona is-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok l-attur ghandu jindika d-dati meta saret l-konsenja taz-zejt.
2. Illi fit-tieni lok l-ammont kif mitlub fir-rikors mill-attur huwa eccessiv u ezagerat.
3. Illi dawn il-proceduri huma ntempestivi u per konsegwenza l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri odjerni stante li qatt ma rcieva nterpellazzjoni ghall-hlas minghand l-attur.

Illi nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2007 xehed **l-attur Alfred Micallef** minn jeddu u gharaf il-konvenut bhala klijent tieghu ghaliex kien bieghlu xi zejt tal-muturi. Spjega li kien ilu klijent tieghu ghal dawk l-ahhar sena u nofs. Jghid li ma kienx hemm problemi dwar pagament ghaliex kien jixtri u jhallas ta' dak li jiehu.

Spjega li wara xi zmien iddecida li jcedli l-kumpanija tieghu taz-zejt bil patt li l-konvenut jixtri ukoll l-i*stock* li kellu. Huma ftehmu li l-konvenut jaghtih xi s-somma ta' elfejn lira (LM2,000) bhala depozitu, izda mbaghad kienu fthemu li jirriducu s-somma ghall-elf lira Maltin (LM1,000). Jghid ukoll l-attur li l-konvenut kien accetta li jtih il-bilanc f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt lira (LM100). Qal li ghall-ewwel l-konvenut kien ihallas izda fix-xahar ta'Setembru 2005 l-konvenut waqaf jaghmel pagamenti u kien cempillu u qallu li kellu problemi ma martu u ma setax ihallas aktar. Il-bilanc dovut kien ta' elfejn mitejn u erbatax-il lira u tmienja u erbghin centesmu Maltin (LM2,214.48). Huwa esebixxa *statement* li juri l-pagamenti li l-konvenut kien ghamel u dan gie markat bhala Dok. 'Z' (fol.22).

Illi nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Mejju 2007 l-attur pprezenta nota flimkien ma *statement* datat tnax ta' Marzu 2007 fejn ikkonferma li l-bilanc dovut kien fl-ammont ta' elfejn mitejn u erbatax-il lira u tmienja u erbghin centesmu Maltin (LM2,214.48).

Nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Gunju 2007 xehed **il-konvenut Frank Schembri** w ikkonferma li kien hemm zmien meta kien jixtri xi zjut minghand l-attur ghal muturi. Spjega li kien jixtri ditta partikolari li ghall-ewwel kienet tappartjeni li haddiehor izda sussegwentement ighid li l-attur xtara d-ditta u beda jixtri minghandu. Qal li mbaghad kien hemm zmien meta l-attur bdew jonqsulu l-prodotti u l-attur staqsih jekk kienx interessat jixtri d-ditta minghandu. Ghall-ewwel irrifjuta izda imbaghad accetta li ijixtriha.

Illi huwa pero ma jaqbilx ma dak li qal l-attur u cioe li kien hemm *out right sale* izda jghid li huwa kellu l-prodotti tal-attur *on consignment u* li kien ihallsu mal-biegh li kien jghamel. Fil-fatt ighid li daqqa kien jaghtih mitt lira (LM100) u gili anke mija u hamsin lira (LM150). Jghid ukoll li kien jaqta mill-kont li kellu mal-attur billi jhallsu somma flus li mhux dejjem tirrapprezenta il-prodott li jkun biegh, izda dejjem kien jibqa xi bilanc. Meta huwa gie muri d-dokument esebit u markat bhala dokument 'Z', huwa kkonferma li dan kien il-kont pendenti bejniethom u li fih hemm murija l-pagamenti li kien ghamel.

Mistoqsi ghaliex ma kienx hallas il-bilanc dovut l-konvenut wiegeb li ma hallasx lill-attur ghaliex il-prodotti li kien fadallu fil-pusess tieghu ma jimxux. Jispjega li fosthom hemm zejt skadut u zejt li mhux addatat ghas-suq lokali. Qal ukoll li iz-zejt ghandu *expiry date* li ghalkemm ma jidhirx miktub fuq il-bott jghid li min jifhem fiz-zejt jaf b'dan. Ikkonferma li kien ha l-konsenja minghand l-attur xi sentejn qabel ma xehed pero cahad li kien ha l-konsenja f'daqqa.

Qal li huwa ghandu zejt fil-pusess tieghu li mhux tajjeb. Mistoqsi jekk kienx xtara biss zejt minghand l-attur huwa wiegeb li effettivament kien xtara diversi oggetti fosthom *carburator liquid, leather care cream u leather spray*. Qal li effettivament lanqas dawn m'irnexxilu jbiegh, ghalkemm jghid li skaduti ma kienux.

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li sostniet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et deciza nhar it-18 ta' April 2004</u>** dwar x'tip ta' prova legali ghandha tressaq parti f'kawza civili. Sostniet li:

*"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg versjonijiet diametrikament opposti li jkunu plawsiblli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenut in bazi ghal principju li onus probandi incumbit et qui dicit non et qui negat (**Appell Inferjuri Anthony Camilleri vs Maaurice Cauchi et deciz 22 ta' Novembru 2002**). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegat fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero, il-grad ta' prova rikjesta fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi l-prova ta' htija ghandha tirrizulta minghajr dubbju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabiltajiet (vide **Appell Civili <u>Paul Vassallo vs carmelo Pace (19860 Vol. LXX.ii.144).</u>** Mera possibilita mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita civili."*

Dan ir-ragunament gie radikat ukoll fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **<u>George Bugeja vs Joseph Meilaq deciza nhar 30 ta' Ottubru 2003</u>** fejn intqal illi:-

"*Fid-dawl ta' dawn iz-zewg versjonijiet kontrastanti il-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita u verosimiljanza tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decisjoni fl-ismijiet* <u>Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia</u> *deciza minn din il-Qorti nhar l-24 ta' Novembru 2006 li 'il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wiehed miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dwar il-konsistenza u verosomoljanzi, ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderenza tal-provi, ghax dawn f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Fil-kamp civili ghal dak li jirrigwarda apprezzament ta' provi, il-kriteji ma humiex dak jekk il-gudikant assolutment jemminx l-ispjegazzjoni fornita lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probalitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu dawn flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Din ghad-differenza ghal dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija tri tirrizulta minghajr ma thalli dubbju ragonevoli.

Kif kompla jinghad fl-imsemmija sentenza "**Carmelo Farrugia vs Rocco Farrugia**" fuq imsemmija:

"*Mhux kwalunkwe tip ta'konflitt ghandu ihalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fiha ma tkunx tista tiddecidi b'kuxjenza kwindi u ghalhekk taqa' r-regola ta' in dubio pro reo."*

Issa fil-kaz in desamina l-konvenut ma jichadx li kien xtara minghand l-attur ammont ta' zejt u xi oggetti ohra minghand l-attur tant li kien ghamel zmien konsiderevoli jhallsu pagamenti regolari sabiex jirriduci d-debitu tieghu dan kif jirrizulta minn esami tal-Dok. 'XY' esebit a fol. 27 tal-process.

Illi ma jidhirx li l-fornitura 'n kwistjoni hija kontesata mill-konvenut ghalkemm ighid li kellu xi zjut li kienu skaduti. Il-konvenut mistoqsi mill-Qorti ghaliex ma komoliex bil-pagamenti tieghu wiegeb li l-prodotti li kien ghad fadallu u li ma bieghx kienu prodotti li ma jimxux u ghalhekk dehrlu li ma kellux ihallas lill-attur.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu ghid li effettivament ma kienx xtara l-konsenja f'daqqa izda kien jbiegh l-prodotti tal-attur *on consignement* u ihallsu ma kull biegh li jaghmel. Illi fl-eccezzjonijiet tieghu pero ma jghamel l-ebda referenza ghal dan ighid biss li l-ammont mitlub mill-attur huwa eccessiv u li l-proceduri huma ntempestivi.

Dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe li l-attur irid jipprova d-data tal-konsenja din saret meta l-istess attur pprezenta l-invoice markata Dok. ‘XY’ ghaliex fuqha hemm id-data tal-konsenja ta kull biegh. Fuq dan l-istess dokuemnt jidher kull pagament li sar mill-konvenut akkont. Illi mill-atti ma jirrizultax xi kontestazzjoni dwar l-ebda konsenja u ghalhekk l-Qorti trid timxi skond dan l-istess dokument.

It-tieni eccezzjoni hi fis-sens li l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv u esagerat. Illi dwar il-prezzijiet il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tidhol peress illi kien negozju bejn il-partijiet liema niegozju kien gie accettat stante li saru diversi pagamenti u ghalhekk jekk l-attur illum jghid li l-bilanc huwa dak kif mitlub fir-rikors promototur jekk il-konvenut ma iressaq l-ebda prova kuntrarja ghal dan, il-Qorti trid taccetta dan il-kont bhala wiehed reajali u li jirrispekja il-verita ta dak li gie miftiehem bejn il-partijiet.

Illi it-tielet eccezzjoni tal-konvenut kienet fis-sens li l-azzjoni hija tempestiva u dan ghaliex l-konvenut ighid li qatt m’ ircieva xi interpellanza.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut ma kienx bi hsiebu jhallas lill-attur ghaliex l-oggetti li ma bieghx ma kienux prodotti li jimxu fis-suq lokali. Illi din zgur mhux raguni ghaliex l-konvenut m’ghandux jonora l-obligazzjoni tieghu mal-attur u jhallas ghal dak li xtara.

Illi m’hemmx dubbju li dawn huma skuzi sabiex l-konvenut jahrab mill-obbligi tieghu ta hlas.

**Ghaldaqstant fin-nuqqas ta’ prova kuntrarja prodotta mill-konvenut l-Qorti qieghda filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-istess konvenut qieghda tilqa it-talbiet attrici.**

**Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------